# Kulleġġ San Nikola

Skola Sekondarja Naxxar - Subien

BS Naxxar

Eżamijiet ta' Nofs is-Sena
Frar 2014

**IT-TIELET SENA**

Suġġett: Il-Malti | Livell: Rotta 3 | Ħin: Sagħtejn

Isem ______________________________ Klassi______________

**A. Silta għall-qari**

Aqra sewwa din is-silta u wieġeb.



L-Ispiżjar Micallef kien bniedem qsajjar, irqiq u mkemmex. Għadda mill-eżamijiet bil-ħniena jew kif ngħiduha, imkaxkar, iżda ħadem, stinka u rnexxielu jilħaq spiżjar. Kien bniedem qalbu f'idu u qatt m'għamel ħsara lil ħadd, anzi dejjem sewa ta' ġid. *(par.1)*

Mal-ispiżerija, fost l-oħrajn kellu kamra li fiha kien joqgħod ipitter. Għall-pittura kellu ħajra, iżda ma kellux fama tajba, għall-inqas ma' sħabu. Diversi ħbieb tiegħu kienu jiġu għandu u ma jonqsux li jiċċajtaw miegħu żżejjed, kważi jippruvaw jgħadduh biż-żmien dwar il-pittura tiegħu. *(par.2)*



L-Ispiżjar, bniedem rikonoxxenti, darba fettillu jagħmel pittura u rregalaha lill-Professur Calleja. Il-Professur laqa' l-pittura bil-qalb, filwaqt li ħadd mill-klikka tal-ħbieb tas-Sur Fonz, ma kien jaf b'din l-għotja. *(par.3)*

Wasal il-Milied, u bħal dejjem, il-Professur stieden xi ħbieb, fosthom dawk kollha li kienu jmorru għand l-Ispiżjar biex jidħku bil-pittura tas-Sur Fonz. Il-Professur, ta' raġel għaref u għaqli, uriehom il-pittura l-ġdida. Ħarrfilhom li dik kienet biċċa xogħol tal-pittur magħruf Conti. Kollha daru magħha u ma naqasx kliem ta' tifħir. *(par.4)*

Il-Professur, raġel ta' dehen, bis-sabar stenna li lkoll jgħidu tagħhom. Iżda issa l-Professur ma felaħx iktar. "Ersqu 'l hawn" qalilhom. "Ħarsu lejn il-firma u taraw l-isem. Ngħidilkom malajr min pinġieha, qabel ma jasal. Dik pinġieha Fonzu, l-Ispiżjar. Ersqu ħa taraw l-inizjali" kompla jisħaq il-Professur. Ilkoll tbikkmu u fehmu li jew l-Ispiżjar għandu tassew is-sengħa għat-tpinġija jew li huma ma jifhmu xejn għalkemm jidhrilhom li jifhmu ħafna. *(par.5)*

Addattament minn *Frisk bħal Ħassa* ta' Henry Schembri

| A. Fehim it-Test | (10 marki) |
| --- | --- |



1. Agħti isem lil din is-silta.

   ________________________________________(marka)

2. Iddeskrivi lill-Ispiżjar Micallef.

   ________________________________________(marka)

3. Għaliex l-awtur jgħid li l-Ispiżjar "għadda mill-eżamijiet bil-ħniena"?

   ________________________________________(marka)

4. X'kien id-delizzju tal-Ispiżjar?

   ________________________________________(marka)

5. Għaliex l-awtur jgħid li għall-pittura l-Ispiżjar "ma kellux fama tajba" ma' sħabu?

   ________________________________________(2 marki)

   ________________________________________

6. X'tah lill-Professur Calleja l-Ispiżjar?

   ________________________________________(marka)

7. X'tip ta' kummenti għaddew sħab il-Professur xħin raw il-pittura?

   ________________________________________(marka)

8. Għaliex l-awtur jgħid li lkoll "tbikkmu" xħin raw il-firma ta' fuq il-pittura?

   ________________________________________

   ________________________________________(2 marki)

| B. Għarfien il-Lingwa | (20 marka) |
|---|---|

## Lessiku / Vokabularju

1. Agħti kelma oħra flok il-kelma **fama** (par.2).

   Il-kelma hi: ______________ (marka)

2. Mill-**ewwel paragrafu** sib il-kelma li tfisser **deni**.

   Il-kelma hi: ______________ (marka)

## Analiżi Testwali

3. Il-verb "għadda" (par.1) qiegħed jirreferi għall-:

   (a) Professur (b) klijent (ċ) Ispiżjar (marka)

4. Il-frażi "qalbu f'idu" (par.1) turi li l-Ispiżjar kien:

   a) ġeneruż b) egoist ċ) dħuli (marka)

5. Il-kelma "pittura" (par.2) hi ta' nisel:

   (a) Semitiku (b) Rumanz (ċ) Ingliż (marka)

## Sintassi

6. Ikteb din is-sentenza mod ieħor mingħajr ma tibdel xejn mit-tifsir. (2 marki)

   Mal-ispiżerija, fost l-oħrajn kellu kamra li fiha kien joqgħod ipitter (par.2).

   Hu kien ________________________________________________________________.

## Grammatika u Morfoloġija

7. Imla l-vojt bil-**Parteċipju Passiv** skont il-kelma fil-parentesi biex tkompli dawn il-qwiel. (4 marki)

   Il-kelb il-(samat) **mismut** kull ilma jaħsbu misħun.

a. Il-(kiteb) ______________ mhux (ħarab) ______________.

b. Pjaċir bla (talab) ______________ nofsu (tilef) ______________.

8. Imla l-vojt bil-**Parteċipju Attiv** skont il-kelma fil-parentesi biex tkompli dawn il-qwiel. Ara l-eżempju. (5 marki)

Eżempju: Iż-żejjed ħu n-(naqas) **nieqes**.

a. Il-(gideb) ______________ għomru qasir.

b. Il-(biegħ) ______________ kontra x-xerrej.

ċ. Tiżloqx fin-(nixef) ______________.

d. Il-mard jidħol (rikeb) ______________ fuq id-debba u joħroġ (rikeb) ______________ fuq in-nemla.

9. Ikteb kliem flok numri: (4 marki)



a. Fil-klassi hemm (19) ________________ student.

b. (5) ___________ għal (9) ___________ jagħmlu (45) _________________________.

| Ċ. L-Aspett Simboliku fl-Isfond Lingwistiku Popolari | (4 marki) |
|---|---|

1) Kompli dawn il-qawl:

Daqqa tmissek l-għadma u ____________________________________. (2 marki)

2) Ikteb sentenza b'**waħda** minn dawn iż-żewġ idjomi. Fis-sentenza trid turi t-tifsira tal-idjoma.

kelb għax-xogħol

qishom kelb u qattus

_____________________________________________________________________

_________________________________________________________________ (2 marki)

D. Ħiliet fil-Malti Komunikattiv (8 marki)

Agħżel (a) **jew** (b) u ikteb madwar **60 kelma**.

a) Produzzjoni artistika li ttellgħet mill-istudenti u l-għalliema fl-iskola tiegħek.

**jew**

b) Ikteb messaġġ għal fuq kartolina li beħsiebek tibgħat lill-ħabib tiegħek li jinsab għall-kura fi sptar barra minn Malta.

E. Tiftix – Trawwim Kulturali (8 marki)

F'madwar **50 kelma**, ikteb dwar suġġett mill-proġett **Idea ta' Lingwa**.



| F. Letteratura | (30 marka) |
|---|---|

## 1. Nadriet 3

a. Fil-poeżija **Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti** il-Poeta għal min qed jirreferi meta jgħid li "għalih hi kollox"? ________________________________ (marka)

b. Il-poeproża **Pitirross** tibda "Kull Ġimgħa l-Kbira jerġa' jiġi l-pitirross". Għaliex jagħmel dan?

_______________________________________________________ (marka)

ċ. Fiex qed jiftakar Dun Karm fil-poeżija **Waħdi**?

_______________________________________________________ (marka)

d. Ma' xiex qed iqabbel lilu nnifsu l-Poeta Achille Mizzi fil-poeżija **Arizona**?

_______________________________________________________ (marka)

e. Aqra din l-istrofa mill-poeżija **Poeta (lil Rużar Briffa)** u wieġeb.



Rużar Briffa

**Poeta - Lil Rużar Briffa** ta' Dun Karm

Sebaħ jittajjar bħal għasfur qalbieni
U mill-għoli tas-sħab leħnu semmagħna
- Leħnu safi – iż-żagħżugħ poeta tagħna.

i. Dun Karm iddedika din il-poeżija lil ___________ ___________. (marka)

ii. Il-Poeta jfaħħar lil dan "iż-żagħżugħ poeta" għall-__________ tiegħu. (marka)

iii. Il-versi tal-poeżija jissejħu ⇨ ________________. (marka)

iv. Din l-istrofa tissejjaħ ⇨ ________________. (marka)

v. F'din l-istrofa nsibu rima ⇨ ________________. (marka)

vi. Sib **similitudni** minn din l-istrofa: ________________________________. (2 marki)

2. Stejjer taċ-Ċarrut (12-il marka)

(i) F'***Jitkellem James Grech,*** James kiteb ittra lil ommu biex jgħidilha ___________

_______________________________________________________________

(ii) Fl-istorja **Iż-żerriegħa li ma gergritx**, niltaqgħu ma' żerriegħa li, għax ma gergritx, ___________________________________________________________

(iii) **Catullus** miet għax_________________________________________________

(iv) F'madwar **30 kelma** ikteb dwar waħda minn dawn l-istejjer: **Għeluq Snin Luca** jew **L-Iskuter**. (6 marki)

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________



3. Stejjer għal Qabel Jidlam (6 marki)

Agħżel a **jew** b u ikteb madwar **30 kelma**.

a. Ikteb għaliex Bertu kien imur jgħin lill-barklori anke fil-maltemp. (**It-Tifel tal-Baħar**).

b. X'kienu x-xewqat ta' Filomena? (**L-Ewwel Telefonata**)

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

| Ġ. Komponiment | (20 marka) |
|---|---|

Agħżel titlu u ikteb **250 kelma** dwaru:

1. Żjara f'post storiku.
2. Il-bejjiegħ tal-ħaxix.
3. Li kieku kelli mmexxi l-iskola fejn nattendi.
4. Ikteb storja li tibda jew tispiċċa b'dawn il-kelmiet: "Il-ġurnata minn filgħodu turik".
5. Kont taf li kull min għandu taħt it-tlettax-il sena ma jistax ikollu aċċess għal "facebook". Taqbel? Iddiskuti.